MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2005

Citazzjoni Numru. 658/2003

**L-Avukat Dottor Anthony Rutter Giappone fil-kwalita' tieghu ta' mandatarju specjali ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera CSP International Industria Calze Spa**

**Vs**

**Pro Line Ltd.**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi s-socjeta` konvenuta tinsab debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma komplessiva ta' Euro 27.688,44 li bir-rata odjerna jammontaw ghal hdax-il elf u tliet mija u erbghin

Lira Maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm11,340.97) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta' konvenuta li baqghet ma thallsitx, liema dejn hu cert, likwidu u dovut;

Illi nonostante illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata sabiex thallas, hija baqghet inadempjenti;

Illi s-socjeta' konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet xi tressaq kontra t-talabiet attrici.

Talbet illi din il-Qorti:

1. Tiddispensa mis-smigh tal-kawza ai termini ta' l-Artikoli 167-170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma komplessiva ta' Euro 27.684,44 li bir-rata odjerna jammontaw ghal hdax-il elf u tliet mija erbghin Lira Maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm11,340.97) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta' konvenuta li baqghet ma thallsitx.

Bl-imghax kummercjali in kwantu ghas-somma ta' Euro 340,86 mit-3 ta' Novembru 2000 u in kwantu ghas-somma ta' Euro 27.307,58 mit-3 ta' Settembru 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali datata 13 ta' Gunju 2002 u tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment kontra s-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Dr. Anthony Rutter Giappone u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lis-socjeta` konvenuta fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, baqa' ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta'

l-kawza billi fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta tilqa’ t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------